MSIDA

**KUNSILL LOKALI MSIDA**

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 48/K7/2016 |
| Data: | It-Tlieta, 30 ta' Awwissu 2016 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | Il-laqgħa bdiet fil-17:30 |
| Preżenti: Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| Kunsilliera | Sur Charles Selvaggi<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Emanuel Brincat<br>Sra Romina Galea<br>Sur Maurice Agius |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sjra Karen Camilleri |
| Skużati : | Dr Alex Sciberras, Alan Abela Wadge, Lino Bartolo Matthew Mangion – Chairman KAS |

MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

# AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Restizzjoni Finanzjarja mid-DLG
3. Punti Mqajjma mill-Minuti
4. Skeda ta' Ħlasijiet
5. Bord tal-Għażla – Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali l-Imsida
6. Korrispondenza
7. Affarijiet oħra
8. Aġġornament

MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

Is-Sindku qalet talba lil San Ġużepp fil-bidu tal-laqgħa.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

3077 Is-Sindku talbet sospensjoni tal-Aġenda u stiednet lill-Accountant tal-Kunsill s-Sinjura Romina Perici Ferrante sabiex jiġi diskuss Punt Nru 2 tal-Aġenda. **Restrizzjoni Finanzjarj**

3078 Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa dwar l-ispejjeż li saru matul dawn l-aħħar sitt xhur. Il-Kunsillier Selvaggi spjega li l-lokalita' tal-Imsida għandha bżonnijiet differenti minn lokalitajiet oħra għaliex minbarra li l-Imsida takkomoda numru ta' barranin. Hemm barranin li qed jieħdu ammont ta' fondi li m'hemmx allokazzjoni għalihom.

3079 Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa fejn qed issir l-akbar spiża. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issekondata mill-Accountant qalet li l-akbar spiża qed tmur fuq il-kuntratti tal-Iskart, Knis u Bulky Refuse.

3080 Il-Kunsillier Matthew Agius spjega li huwa mportanti li jinħadem ratio ta' dawk i-persuni li jattendu l-Junior College, l-Universita' u Staff ta' Mater Dei.

3081 Il-Kunsillier Matthew Agius ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jagħmel capping anke fil-każ tal-Kuntratti.

Wara diskussjoni dwar bosta diffikultajiet, il-Kunsill qabel li jagħmel talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tiżdied l-allokazzjoni.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti

3082 Saru xi korrezzjonijiet kif mitluba mill-membri.

Il-Minuti ġew approvati bil-korrezzjonijiet.

MSIDA
KUNSILL LOKALI MSIDA
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

## 3. Punti Mressqa mill-Minuti

| | | |
|---|---|---|
| 3083 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa dwar it-talba għal Pelican Lights extra f'Rue D'argens. Is-Sindku spjegat li kienet talbet Road Safety Calming Measures għall-attenzjoni ta' Transport Malta. | **Zebra Crossing f'Ru d'Argens** |
| 3084 | Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma li kien ressaq bosta talbiet għall-attenzjoni ta' Transport Malta, li għadhom pendenti. Il-Kunsillier Brincat infurma li se jkun qed jattendi laqgħa mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Transport u Infrastruttura, sabiex jiddiskuti dawn it-talbiet. | **Talbiet Pendenti mressq ghall-Attenzjoni ta Transport Malta** |
| 3085 | Il-Kunsillier Maurice Agius spjega li qed isir abbuz ta' parking fi Triq it-Tabib Naudi qabel ma' tohrog ghal Rue D'Argens. Barra minhekk hemm bżonn li ssir tabella oħra ta' Un/Loading. | **Parkeġġ abbużiv fi Triq it Tabib Naudi** |
| 3086 | Il-Kunsillier Maurice Agius issuggerixxa li z-zebra crossing ġdida ssir f'dik l-area ta' Rue d'Argens. | **Proposta ta' Zebra Crossing ġdida f'Ru D'Argent** |
| 3087 | Is-Sindku nfurmat li kienet għadha qed tistenna risposta mingħand il-Perit Conti dwar il-parkeġġ tal-Knisja. Fil-fatt bagħtet 2nd Reminder. | **Użu ta' Parkeġġ tal-Knisja** |
| 3088 | Il-Kunsillier Maurice Agius ġibed l-attenzjoni fi f'Sawmill Street hemm resident għandu Reserved Parking, li jintuża minn persuna partikolari li meta tneħħi l-karozza titfa tabella biex ħadd ma jipparkja. Dan huwa abbuż u llegali. Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma li se titneħħa ż-żebgħa u se titwaħħal tabella. | **Użu ta' Reserved Parking abbużiv fi Triq Sawmill** |
| 3089 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa jekk hemmx target date ta' meta se tkun iffinalizzata l-white paper dwar il-1Hr Parking Scheme. Il-Kunsillier Selvaggi staqsa jekk hux opportun li l-Kunsill jinfurma lir-residenti bis-sitwazzjoni preżenti. Is-Sindku qalet li mhux opportun li niktbu lir-residenti għax iktar jinħoloq kaos. Il-Kunsillier Emanuel Brincat issuġġerixxa li l-Kunsill jieħu parir legali jew l-Kunsill jiddiskuti ma' LESA dwar is-sitwazzjoni. Il-Kunsillier Matthew Agius issuġġerixxa li l-Kunsill jiddiksuti din il-kwistjoni mal-Viċi Sindku. | **1Hr Parking Scheme** |

3090 Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab jagħmel kjarifika dwar il-kumment tal-Kunsillier Romina Galea, dwar l-attivita' ta' Mertu Msida, għaliex hu ġibed l-attenzjoni u mhux ikkritika. Il-Kunsillier Matthew Agius qal li huwa mportanti li l-membri kollha jagħtu kontribut fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill u spjega li din is-sena hu ma setax jinvolvi ruħu bħas-soltu.

**Kjarifika – Mertu Msida**

## 4. Punti mqajjma minn Minuti Nru 45

3091 Il-Kunsillier Maurice Agius ippreżenta żewġ ritratti tal-ħsarat u huwa mportanti li meta jkun se jsir il-patching, jitwaħħlu l-karti ta' No Parking ħalli ma jitħallewx vetturi pparkjati.

Punt 3043 – Patching Triq it-Tabib Naudi

3092 Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa jekk l-Avviż lir-residenti ta' Triq Zammenoff intbagħtx. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-impjegata Gemma Cassar ħadet ħsieb tibgħat l-avviż mhux fi Triq Zammenoff biss iżda f'bosta toroq tal-lokalita'

Punt 3044 – Avviz Residenti ta' T Zammenoff

3093 Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa jekk il-fanal ta' Arcidiacono twaħħalx. Ġie kkonfermat li dan il-fanal baqa' ma sarx.

Punt 3051 – Fanal maqlu ħdejn Arcidiacono

3094 Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab li ssir it-tabella tad-Doggy Bin u jitwaħħal Doggy Bin ieħor.

Punt 3070 – Tabella tindika d-Doggy Bin

3095 Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma lill-membri li flimkien mas-Sindku daru xi erba' blokki u tkellmu ma' xi residenti, iżda r-respons kien wieħed fjakk ħafna.

Rimi ta' Skart

3096 Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa jekk il-Kunsill kellux feedback mill-Kuntrattur ta' Triq Tal-Qroqq. Is-Sindku tat spjega tal-laqgħa li kellu l-Kunsillier Lino Bartolo mal-kuntrattur in kwistjoni u jidher li se jħallas il-permessi.

Scaffolding armat fi T Tal-Qroqq

## 5. Skeda ta' Hlasijiet

3097 L-Agent Segretarju Ezekuttiv poggiet fuq il-Mejda l-Iskeda ta' Hlasijiet ghall-approvazzjoni tal-Membri.

3098 Inġibdet l-attenzjoni dwar il-ħlas lill-Kumpanija ELV. Wara diskussjoni li tqajjmet ġie maqbul li kull min jitlob il-filmat mill-Cameras għandu jħallas l-ispejjeż tat-Techinician Services. Kumpanija ELV Ltd

3099 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-membri dwar l-ispejjeż ta' Fuel tal-vann tal-Kunsill, għaliex dawn qed ikunu għoljin ħafna. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li jsir capping tal-ammont fix-xahar. Is-Sindku spjegat li matul ix-xahar ta' Lulju l-ħaddiema tal-Kunsill ikollhom ħafna ġiri bil-vann minħabba ġarr ta' affarijiet u materjal ieħor.

Il-Pagamenti gew approvati.

## 6. Bord tal-Għażla – Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali l-Imsida

3100 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda l-lista ta' kandidati li applikaw għall-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv, fejn kien hemm erba' applikanti mhux eleġibbli għal post minħabba li ma kienux fil-Pool ta' Segretarji Eżekuttivi Prospettivi, kien hemm żewġ applikanti li nfurmaw lill-Kunsill li ma kienux għadhom interessati għal post u kien hemm applikant li ma ta l-ebda tweġiba għall-korrispondenza li ntbagħtitlu.

3101 Is-Sindku nfurmat li saru l-interviews ma seba' applikanti fejn il-membri tal-Board taw il-marki tagħhom fuq il-kriterji stabbiliti għall-għażla.

3102 Is-Sindku nfurmat li l-persuna bl-għola marka kienet is-Sinjura Lorraine Templeman b'79% tal-marki, segwita mis-Sur Alan Vella b'77% tal-Marki.

3103 Is-Sindku nfurmat ukoll li s-Sinjura Templeman infurmat lill-Kunsill li kellha offerta għall-Kariga f'Kunsill Lokali ieħor u kienet qed taħsibha ma' liema Kunsill tmur, f'każ

MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

li tintagħżel mill-Kunsill Lokali Msida.

3104 Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku pproponiet li l-Kunsill japprova lis-Sinjura Lorraine Templeman bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali l-Imsida u f'każ li s-Sinjura Templeman ma taċċettax il-kariga, l-Kunsill imur għat-tieni għażla, jiġifieri li jinnomina lis-Sur Alan Vella għall-Kariga ta' Segretarju Eżekuttiv.

3105 Il-Kunsill evalwa r-rapport ippreżentat mill-Board u qabel unanimament li titħaddem din il-proċedura.

## 7 Korrispondenza

3106 Il-Kunsill approva li jinħareġ il-permess għal din l-attivita'. — 41/1422- Attivita' m Imsida Boċċi Club

3107 Il-Kunsillier Emanuel Brincat ġibed l-attenzjoni li kien hemm deċiżjoni tal-Kunsill li ma jarmawx barra għaliex ġewwa għandhom spazju biżżejjed. Il-Kunsillier Emanuel Brincat ġibed l-attenzjoni li din id-deċiżjoni kienet ittieħed għal żmien l-elezzjoni tal-Kunsill tal-Istudenti. Il-Kunsillier Matthew Agius qal li hu ma jaqbilx li jingħataw spazju ġewwa l-Junior College għaliex l-ispazju li jingħataw ma jilħaqx lil kulħadd. L-Aġent Segretarju ġibdet l-attenzjoni li saret talba simili mis-Sur Thomas Grima iżda ma tax dettalji ta' x'bi ħsiebu jsir. — 41/1353 – Freshers Weel

3108 Is-Sindku nfurmat li nhar is-Sibt, 3 ta' Settembru, se żżur l-uffiċċji tal-Kunsill, Miss Imsida for Miss Malta. Is-Sindku ħeġġet lill-Kunsilliera sabiex jattendu u ssuġġeriet li jingħata Token ta' tifkira. Il-Kunsillier Maurice Agius issuġġerixxa li tingħata Arloġġ tal-Kunsill filwaqt li l-Kunsillier Emanuel Brincat issuġġerixxa li tingħata wkoll dizzjunarju. — Miss Imsida for Miss Mal

3109 Is-Sindku nfurmat li deher artiklu fuq il-ġurnal it-Torċa u ntbagħatet ir-risposta. Il-Kunsillier Maurice Agius talab kopja tal-Artiklu — Artiklu fuq il-Ġurnal Torċa

3110 Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma lill-membri li l-impjegati tal-Kunsill se jinfurmaw lir-residenti bil-proċedura sabiex titressaq din it-talba għall-attenzjoni ta' Transport Malta. — Talba għal Sleeping Polic

MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

## 8 Ħwejjeġ Oħra

| | | |
|---|---|---|
| 3111 | Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kien ġie avviċinat mill-Amministrazzjoni ta' Skola Sajf fejn kienu talbu li tiġi organizzata attivita' bejn l-istudenti ta' Skola Sajf u l-Kunsill. Din l-attivita' saret, fejn it-tfal marru jżuru l-anzjani fid-djar tal-Anzjani. | Attivita' Skola Sajf |
| 3112 | Is-Sindku nfurmat li kellha Laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-ħruq tan-Nar mill-Għaqda tan-Nar Immakulata Kunċizzjoni tal-Ħamrun. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill legalment ma jidħolx fit-tfassil tal-approvazzjoni tan-Nar. | Ħruq ta' Nar mill-Għaq tan-Nar |
| 3113 | Is-Sindku nfurmat li nżammet laqgħa mal-Kumpanija LESA dwar is-Servizz ta' ECO Wardens fejn il-Kunsill ġie nfurmat b'dawn ir-rati;<br><br>Mit-Tnejn sas-Sibt bejn is-7.00a.m. u s-6.00p.m. bir-rata ta' € 23.29 fis-siegħa (exc VAT)<br>Mit-Tnejn sas-Sibt bejn is-6.00p.m. u s-7.00p.m. bir-rata ta' € 30.23 fis-siegħa (exc VAT)<br>Ħdud u Festi bir-rata ta' € 30.23 fis-siegħa (exc VAT)<br><br>Barra minhekk, il-Kunsill għandu jħallas għas-servizz tal-vettura bir-rata ta' € 3.00 fis-siegħa. L-Eco Wardens jaħdmu f'team ta' żewġ persuni.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Agius staqsa x'inhu l-minimum no of hours għal dan is-servizz. | Servizz ta' Eco Wardens |
| 3114 | Is-Sindku nfurmat li ~~flimkien~~ minħabba li kienet indisposta talbet mal-Kunsillier Emanuel Brincat ~~attendiet~~ jattendi għal-laqgħa mad-Direttur tad-Direttorat tat-Tindif, fejn matul il-laqgħa ~~ġiet~~ infurmat~~a~~ li d-Direttorat se jkun qed iniedhi proġett pilota fil-lokalitajiet ta' Msida, Gżira, Ta' Xbiex, Sliema u San Ġiljan. Dan il-Proġett Pilota jinvolvi spezzjonijiet mill-Pulizija tal-A.L.E., u kull min jinqabad jarmi l-iskart jiġi mħarrek. Is-Sindku nfurmat li kull min se jinqabad jabbuża se jitressaq il-Qorti u mhux jingħata sempliċi ċitazzjoni. Il-Kunsillier Emanuel Brincat poġġa fuq il-mejda lista ta' postijiet li huma sinonimi mar-rimi ta' skart. Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma wkoll li dan il-proġett mistenni jibda f'nofs Settembru. | KC<br>Proġett Pilota mi Direttorat tal-Indafa |

MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

3115 Il-Kunsillier Maurice Agius talab kopja tal-lista u ġibed l-attenzjoni sabiex darb'oħra jkun infurmat minn qabel, bħala l-Kunsillier responsabbli mill-indafa. Il-Kunsillier Maurice Agius issuġġerixxa li l-ronod isiru wara li jgħaddi tal-iscammel. Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab li l-membri kollha jiġu nnotifikati malli jidħol fis-seħħ dan il-proġett pilota.

3116 Il-Kunsillier Romina Galea ġibdet l-attenzjoni li din l-inizzjattiva għandha tinżamm low profile. Il-Kunsillier Matthew Agius qal li kulħadd għandu jżomm ma' din id-deċiżjoni. Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa jekk din l-inizzjattiva hiex pubblika jew le. Il-Kunsillier Emanuel Brincat spejga li d-Direttorat iddeċieda li ma ssir pubbliċita' ta' din l-inizzjattiva. Barra minhekk, id-Direttur għamilha ċara li bil-koperazzjoni tal-Kunsilli u le, dan il-proġett se jsir.

3117 Is-Sindku għamlitha ċara li l-Kunsill joħroġ l-informazzjoni jekk kemm-il darba jkun hemm approvazzjoni tad-Direttorat kif ukoll meta jkun hemm konferma li dan il-proġett inbeda, imbagħad il-Kunsill ikun jista' joħroġ avviż fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill.

**Servizz ta' Eco Wardens Triq Censu Farrugia**

3118 Is-Sindku pproponiet li jitqabbad Eco Warden xi darba l-Ħadd fi Triq Ċensu Farrugia, għaliex qed ikun hem miżbla bl-iskart. Il-Kunsillier Matthew Agius issuġġerixxa li jiġi vvutat budget għal din l-inizzjattiva. Il-Kunsillier Maurice Agius ippropona li la hemm inizzjattiva oħra, l-Kunsill għandu jistenna.

**Ġbir ta' Skart kmieni**

3119 Il-Kunsillier Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li l-iskart qed jinġabar fis-7.00a.m. u mhux fit-8.00a.m.

**Tneħħija ta' Doubl Yellow lines fi Triq Bordin**

3120 Il-Kunsillier Matthew Agius talab li d-double yellow lines fi Triq Bordin jitneħħew. Is-Sindku nfurmat li Transport Malta m'approvatx it-tneħħija ta' dawn id-double yellow lines għaliex inkella jkun hemm riskju ta' nuqqas ta' aċċess għal coaches u ambulanzi.

**Talba għaċ-ċwievet tal-Puntun**

3121 Is-Sindku nfurmat li ġiet avviċinata minn persuna li għandu dgħajsa mal-puntun u talab iċ-ċwievet biex idaħħal bowser biex ikun jista' jagħti d-diesel. Is-Sindku nfurmat lil din il-persuna li dan ma jistax iseħħ u għaldaqstant għandu jieħu dan is-

MSIDA

**KUNSILL LOKALI MSIDA**

Pjazza Menqa, Msida

Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424

www.msidalocalcouncil.com

servizz minn fuq l-iskall. Il-Kunsill ~~approva din id-deċiżjoni~~ qabel ma' din id-deċiżjoni KC. KC.

3122

Il-Kunsillier Matthew Agius gie infurmat li l-Kumitat tas-Sajjieda mhux jiltaqa'. Huwa nfurmat ukoll li kellha ssir laqgħa ġenerali iżda din baqgħet ma saritx. Is-Sindku ħadet nota ta' dan u nfurmat li se titkellem mal-membri.

Nuqqas ta' Laqgħat m Kumitat tas-Sajjieda

3123

Il-Kunsillier Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li fl-aħħar laqgħat tal-Kunsill kien talab kopja tal-pjanti tar-rotot tal-knis, ikkuluriti, iżda għal xi raġuni dawn baqgħu ma waslux.

Site plans immarkati t rotot tal-Knis

3124

Il-Kunsillier Maurice Agius ippreżenta sett ritratti dwar it-twaħħil ta' bollards fit-tarmac. Is-Sindku nfurmat li r-residenti ġew ordnati mill-Pulizija sabiex jaqilgħu l-bollards.

Bollards imwaħħlin m art

3125

Il-Kunsillier Maurice Agius infurma li fi Triq San Alwiġi, faċċata tal-iSkola, hemm garaxx li se jsir ħanut u dan qabad u għamel rampa mingħajr permess.

Rampa llegali fi Triq S Alwiġi

3126

Il-Kunsillier Maurice Agius infurma li fi Triq San Alwiġi k/m Triq Johnny Catania qed ikun hemm bejjiegħ tal-ħaxix ipparkjat fuq id-double yellow lines. Dan qed jispiċċa jostakola t-traffiku u jkun hemm traffic gam sħiħ. Il-Kunsillier Maurice Agius ippreżenta sett ritratti fejn juri dan l-abbuż.

Ipparkjar illegali fi T San Alwiġi

3127

Il-Kunsillier Maurice Agius ippropona li Triq San Alwiġi ssir One-Way imqar waqt il-ħinijiet tal-iskola. Is-Sindku pproponiet li t-talba titressaq għall-għeluq definittiv u mhux bil-ħin. Il-Kunsillier Maurice Agius ippropona li ssir camera u t-triq tingħalaq bejn is-7.00a.m .u d-9.00a.m. u waqt il-ħinijet tal-iskola.

Għeluq ta' Aċċess fi T San Alwiġi

3128

Is-Sindku pproponiet li titressaq talba għall-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex Triq San Alwiġi ssir One Way. Il-Kunsillier Maurice Agius issuġġerixxa li r-residenti ta' Triq San Alwiġi, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Zammenoff u Triq ix-Xmiexi jiġu nfurmati b'din il-proposta. Il-Kunsillier Matthew Agius ippropona li jiġu nfurmati wkoll ir-residenti ta' Triq Victor Denaro u Triq C.Brockdorf għax dawn jintlaqtu direttament f'dan il-każ ukoll.

MSIDA
KUNSILL LOKALI MSIDA
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| 3129 | Il-Kunsillier Maurice Agius infurma lill-membri li fi Triq ix-Xmiexi hemm persuni jgħixu fil-garaxxijiet. | |
| 3130 | Il-Kunsillier Maurice Agius ippropona li Misraħ San Ġużepp jingħata power wash għax hemm ħafna ħmieġ. | Tindif ta' Misraħ S Ġużepp |
| 3131 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab li jsir Patching fi Triq Tal Qroqq. | Patching |
| 3132 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab li fl-area ta' Pizza By Luca jsir puġġaman għaliex it-taraġ qed jiżloq. | Installazzjoni Puġġaman |
| 3133 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma lill-membri li l-bring in sites fi Triq Victor Denaro qed ikunu mimlija u jekk hux possibli li t-tbattil isir aktar ta' spiss. | Tbattil ta' Bring in Site: Triq Victor Denaro |

## 8. Aġġornament

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2016, fil-5.30p.m. Il-laqgħa ntemmet fit-20:35

Minuti approvati llum 27 ta' Settembru 2016

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Karen Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv